**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Mejju, 2019**

**Talba Numru: 16/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 36.**

**Paul Cuschieri (K.I. 216884M)**

**u Nadine Cuschieri (K.I. 229982M) ghal kull interess li jista' jkollha**

**6, Triq San Frangisk,**

**Rabat**

**Vs**

**Kunsill Lokali Mosta**

**Centru Civiku**

**Triq il-Kostituzzjoni,**

**Mosta**

It-Tribunal,

Ra t-talba tal-atturi rikorrenti li permezz taghha talbu li l-Kunsill konvenut jigi ordnat ihallashom is-somma ta' elf u sitta u sebghin ewro (€1,076) rapprezentanti danni sofferti minnhom in segwitu ta' incident li sehh fid-19 ta' Frar, 2015 fi Triq id-Difiza Civili, Mosta meta l-vettura targata CUS 320 misjuqa mill-attur Paul Cuschieri garbet hsarat minhabba

fil-qaghda tal-wicc tal-imsemmija triq u n-nuqqas ta' senjaletika jew twissijiet u dan unikament b'tort, negligenza u traskuragni tal-Kunsill intimat.

Ra r-risposta tal-Kunsill intimat a fol 7 li permezz taghha l-Kunsill eccepixxa li huwa mhux responsabbli ghat-talba kif dedotta dovuta stante li l-Kunsill dejjem zamm fi stat tajjeb il-kundizzjoni tat-triq in kwistjoni u inoltre ma hemm ebda prova li tali incident sehh kawza tar-responsabilita' tal-Kunsill. Inoltre il-Kunsill jinnota li l-ammont mitlub huwa abbuziv ghall-ahhar kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

Ra x-xhieda tal-attur Paul Cuschieri a fol 13 et permezz tal-procedura tal-affidavit li spjega li fid-19 ta' Frar, 2015 ghal habta tas-7pm kien qed isuq il-karozza tieghu tat-tip BMW Cabrio 320 bin-numru ta' registrazzjoni CUS 320 fi Triq id-Difiza Civili, Mosta mid-direzzjoni tal-Mosta lejn in-Naxxar, has tumbata kbira kemm fuq quddiem u fuq wara u inhasad izda baqa' jsuq u dan ghal ftit metri biss meta xeghlet il-bozza fuq id-dashboard li turi li kellu flat tyre. Huwa gibed fil-genb tat-triq u u meta hareg mill-karozza ha l-hofor warajh li kien ghadu kemm saq gewwa fihom. Huwa innota li z-zewg tyres kienu baxxi. Rega dahal fil-vettura u saq sad-dar tal-genituri tieghu li jghixu qrib u halla l-karozza ghandhom u huma wasluh id-dar. L-ghada, fl-20 ta' Frar, nefah ftit it-tyres biex ikun jista jsuq l-karozza u hadha ghat-tiswija. Meta ghollewha fuq jack u gew biex jibdlu z-zewg tyres il-haddiema ndunaw li z-zewg rimmijiet tar-roti in kwistjoni kienu maqsumin. Huwa halla l-karozza ghand FMC Motors Limited ghal jumejn sabiex isiru t-tiswijiet u hadha lura fit-23 ta' Frar, 2015. Huwa hallas s-somma ta' elf u sitta u sebghin ewro (€1,076) ghal dawn it-tiswijiet. Fis-07 ta' Marzu huwa ghamel rapport l-Ghassa u fl-20 ta' Marzu kiteb lill-Kunsill konvenut izda baqa' bla risposta. Kiteb lil Awtorita' tat-Trasport ukoll fl-14 ta' Settembru, 2015 izda wkoll baqa' bla twegiba.

A fol 32 et xehed Nicholas Baldacchino in rapprezentanza tal-Awtorita' tat-Trasport li t-triq, Triq id-Difiza Civili, l-Mosta ma hijiex wahda arterjali u distrubutorja u ghalhekk taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill konvenut. Xehed li kellhom talba mill-Kunsill konvenut biex isewwu din it-triq izda l-Awtorita' dejjem tghidilhom li t-triq hija responsabilita' tal-Kunsill u mhux taghha.

A fol 44 et xehed PS 586 Mario Azzopardi li l-attur Paul Cuschieri ghamel rapport fis-07 ta' Marzu fejn stqarr mieghu li fid-19 ta' Marzu, 2015 ghal habta tad-disgha kien ghadda

minn Triq id-Difiza Civili, Mosta fejn kien hemm gandott tul it-triq u ghamel xi hsara u prezenta r-rapport li kien ghamel l-attur l-Ghassa. Huwa ma marx fuq l-post.

A fol 60 et l-attur Paul Cuschieri xehdet li dakinhar tal-incident kien ghaddej sittin kilometru fis-siegha piu o meno u li malli ghadda minn fuq dik il-hofra xeghlulu l-bozoz ftit wara. Mistoqsi meta xtara l-karozza Cuschieri wiegeb li ma jiftakarx izda jahseb li kien fis-sena elfejn. Huwa l-ewwel ma ghamel mar jibdel it-tyres ghax haseb li l-problema kienet fit-tyre biss izda meta ggakjawha qalulu li mhux tyres biss kien hemm izda kien hemm problema wkoll bir-rimijiet. Mistoqsi meta mar ghand il-Pulizija huwa wiegeb li ma marx dakinhar stess u kien filghaxija meta ghamlu r-rapport lill-Pulizija.

A fol 45 overleaf xehed Johann Cuschieri in rapprezentanza ta' FMC Motors li kkonferma l-ircevuti li hargu lill-attur u spjega li l-ewwel entry hija ta' tyre u t-tieni entry huwa tas-subcontractor taghhom biex isewwi r-rota li probabbli kienet mghawga. Huwa spjega li meta xi hadd jigi b'xi tyre u rota mghawga huma jibghatuha ghand Grech Engineering Works u l-ammont jistabiluh huma u huma jghidulhom kemm ghandhom jiccargjaw lil klijent.

A fol 51 et xehdet Lorraine Tempelman, Segretarja Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali Mosta li spjegat l il-Kunsill ghandu Bord tal-Claims fejn jiehu hsieb claims ta' dan it-tip. Hija ammettiet li Triq id-Difiza Civili, Mosta hija responsabilita' tal-Kunsill konvenut u tghid li l-Kunsill deherlu li ma kellux ihallas lill-attur ghal-ispejjez li ghamel biex sewwa l-karozza ghax deherlu li skont ir-ritratti t-tyre jidher antik ghax it-trading huwa baxx hafna u ma hemmx provi li l-attur kien jiehu hsieb dawn it-tyres. Hija prezentat disa' (9) ritratti u kkonfermat li t-triq hija mharbta izda li ma tikkawzax dawk l-ispejjez kollha.

In kontro ezami Tempelman xehdet li bhala toroq ghandhom management letter mid-Dipartiment li certu progetti kbar jibbagitjaw ghalihom u kull meta jkun hemm per ezempju hofor li huma ta' periklu mill-ewwel tittiehed azzjoni biex jissewwew. Hija xehdet li ghandhom kuntrattur li jaghmel xoghol ta' patching u li riparazzjoni isiru l-hin kollu. Mistoqsija tghid meta kien li sar l-ahhar patching fi triq in kwistjoni sa meta sar l-incident hija weghdet li kellha tipprezenta din l-informazzjoni.

A fol 64 Tempelman xehdet li t-triq in kwistjoni kienu sarulha spezzjonijiet f'Settembru u wara l-ewwel xita. U records tar-riparazzjonijiet ma kellhomx tenut kont li l-incident sar qabel ma hija bdiet tahdem bhala segretarju ezekuttiv fil-Kunsill konvenut.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra,

Li f'din il-kawza l-atturi jikkontendu li l-hsara kawzata fil-vettura li kien qed isuq biha l-attur fid-19 ta' Frar, 2015 fi Triq id-Difiza Civili, Mosta hija responsabilita' tal-Kunsill konvenut. Il-partijiet jaqblu li din it-triq taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill konvenut izda ma jaqblux dwar min huwa responsabbli ghal dawn il-hsarat – l-atturi jaghtu l-htija lill-Kunsill konvenut filwaqt li l-Kunsill konvenut jikkontendi li t-tyres kienu qodma u li kieku kienu fi stat ta' manutenzjoni tajjeb ma kienx jigrilhom dik il-hsara kollha u ghalhekk dan it-Tribunal kellu jifli bir-reqqa l-provi prodotti.

L-attur fl-affidavit tieghu jghid li l-incident sehh meta hass tumbata kbira u meta hareg mill-karozza ra l-hofor wara l-karozza li kien ghadu kemm saq minn go fihom. Dan gara fid-19 ta' Frar, 2015. Fis-07 ta' Marzu, 2015 huwa ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat li meta kien ghaddej minn Triq id-Difiza Civili, Mosta fid-19 ta' Frar, 2015 ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija huwa baqa' diehel go gandott bil-konsegwenza li ghamel hsara fit-tyres ta' wara u r-rimijiet. Huwa qal lill-Pulizija (fol 26 overleaf) li l-gandott qieghed mat-triq kollha.

L-ircevuti tal-hsarat subiti a fol 22 et it-Tribunal jinnota li hargu fuq Camilleri and Cuschieri bil-VAT numru 1043-6416 u mhux fuq l-atturi, u tali ircevuti jirrigwardaw tyre u misc item BMW wheel repair a fol 21 li tammonta ghal hames mija u tmienja u sebghin ewro (€578) u l-ircevuta l-ohra tirrigwarda tyre, misc item u BMW rim repair ghar-rigward invoice a fol 22 li tammonta ghal erba' mija u tmienja u disghin ewro (€498). Johann Cuschieri in rapprezentanza ta' FMC Motors Limited, a fol 46 spjega li invoice 23662 l-ewwel entry hija ta' tyre u t-tieni entry huwa tas-subcontractor taghhom biex isewwi r-rota . Huwa spjega li meta jmur xi hadd ghandhom b'xi tyre u rota mghawga huma jibghatuh ghand Grech Engineering Works. L-attur jghid li z-zewg tyres kienu baxxi

filwaqt li z-zewg rimmijiet tar-roti kienu maqsumin – wahda kellha zewg (2) qasmiet u l-ohra kellha seba' (7) qasmiet.

Illi ghandu jinghad qabel xejn li fl-ordinament guridiku ta' pajjizna l-kuncett ta' Government responsibility f'dan il-kaz, il-Kunsill konvenut, huwa regolat bl-istess mod bhal dak tac-cittadin ordinarju fuq id-delitt u kwazi delitt kif jiddisponu l-Artikolu 1029 et seq tal-Kodici Civili. Illi ghalhekk l-attur irid jipprova li l-konvenut b'xi mod agixxa b'imprudenza, negligenza u bla hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet: **Fiorino d'Oro Co Ltd vs Direttur tat-Toroq** il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi ohra moghtija mill-Qrati taghna li jirrigwardaw ir-responsabilita' tal-Gvern fejn jinghad:

"Id-disposizzjoni tal-ligi li tirrendi responsabbli tal-hsara li tigri bil-htija ta' min ikun kagun ta' dik il-htija hija generika u ma taghmel ebda eccezzjoni lanqas ghal Gvern u ghalhekk il-Gvern huwa obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kaz li huwa fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu johrog mill-gusti limiti u jikkaguna pregudizzju lil terzi (**Xuereb et vs Micallef et – 3.10.1953**).

Illi ma hemmx dubju ghalhekk li l-Kunsill f'dan il-kaz kien fi dmir li jipprovdi t-triq in kwistjoni tajba u adegwati ghall-uzu tal-utenti kollha tat-toroq u ghalhekk huwa fl-obbligu assolut li jacceta ruhu li l-ebda triq ma tkun ta' perikolu jew inkonvenjent ghal min irid juzaha.

Illi l-kondizzjoni tat-triq, Triq id-Difiza Civili, Mosta mir-ritratti esebiti jidher car li mhix kondizzjoni felici tant li hija mimlija hofor u ghalhekk dan it-Tribunal huwa konvint li l-attur sofra l-hsarat minhabba l-kondizzjoni tat-triq. Il-Kunsill konvenut ma ppruvax fil-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, cioe' a bazi ta' probabilita' li l-hsarat huma htija tal-kondizzjoni tat-tyres tal-vettura dakinhar tal-incident.

Illi jigi rilevat ukoll li meta l-attur saq bil-vettura mill-Mosta sa Santa Venera biex isewwiha huwa kompla jaghmel hsara lil vettura. L-Artikolu 1049 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li "Meta zewg persuni jew izjed ikunu dolozament ghamlu hsara, l-obbligazzjoni taghhom ghal hlas ta' dik il-hsara hija in soludm. U s-subinciz (2) tal-istess Artikolu jikkwalifika r-responsabbilita' ta' wahda mill-partijiet involuti meta din ma tkunx imxiet dolozament billi r-responsabbilita' taghha hija limitata ghal dik il-bicca tal-hsara li hija tkun ikkawzat.

Illi ghalhekk il-Kunsill konvenut ma ghandux jaghmel tajjeb ghad-danni kollha subiti meta l-attur kkontribwixxa wkoll ghal tali danni. Oltre dan ukoll, it-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex l-attur dam sas-07 ta' Marzu, 2015 biex ghamel ir-rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ghalkemm fl-istess rapport hemm imnizzel li tali rapport sar sabiex l-attur ikun jista jiehu r-rapport il-Kunsill konvenut.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ghar-ragunijiet imsemmija, ma jistax isib lill-Kunsill konvenut responsabbli ghal hsarat kollha li sofra l-attur kif ma jistax isib li l-Kunsill ghandu jhallas lill-attur tal-VAT li hallsu meta tali VAT gie rifuz lilhom kif jidher mill-istess invoices prezentati mill-attur liema invoices hargu fuq Camilleri and Cuschieri. Tali ammont ta' VAT jirrizulta li huwa ta' mija erba' u sittin ewro u tlettax-il centezmu (€164.13c).

Illi ghalhekk fil-fehma ta' dan it-Tribunal jezistu cirkustanzi li jaghtu l-poter diskrezzjonali lil dan it-Tribunal li jillikwida s-somma. Illi dan isir skont il-Qrati taghna "Bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva fejn l-provi fir-rigward tal-valutazzjoni tal-ammont tal-kumpens ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji." (**Prim Awla Charles Attard vs Carmela Frendo et 31.1.2003; Prim Awla Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Co Ltd 31.10.2004).** A propozitu decizjoni a **Vol XXXV P III p615** fejn gie proprju rikonoxxut fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori e' rimesso al magistrate il valutare 'ex aequoe et ebono' secondo Iidettami della sua ragione e coscienza l-ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato.'*

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qed jilqa' in parte t-talba tal-atturi u jsib lill-Kunsill konvenut responsabbli in parte ghad-danni subiti mill-atturi u wara li qies ic-cirkostanzi kollha, qed jiffissa arbitro boni viri lill-Kunsill konvenut is-somma ta' seba' mitt ewro (€700) u qed jordna lill-istess Kunsill konvenut sabiex ihallas is-somma ta' seba' mitt ewo (€700) bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-Kunsill konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**